**16 ta' Jannar, 1996**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. Hist.S.**

Maria Dolores *sive* Doreen Scicluna

*versus*

Nazzareno *sive* Ronnie Scicluna

## Kawża ta' Separazzjoni Personali - Artikolu 46 tal-Kodiċi Ċivili

*L-artikolu 46 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li fiż-żmien li tkun miexja l-kawża tal-firda, kull waħda mill-partijiet tista' titlob lill-Qorti biex tiddeċidi liema waħda mill-partijiet għandha toqgħod fid-dar taż-żwieġ sakemm tkun miexja l-kawża.*

*La l-Qorti ngħatat is-setgħa* pendente lite *li tkeċċi għal kollox parti waħda mid-dar konjugali, ċertament il-Qorti għandha ukoll is-setgħa li tkeċċi lil xi waħda mill-kontendenti minn parti biss mid-dar konjugali.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta' l-attriċi ppreżentat quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-atti tal-kawża fuq imsemmija, li bih, wara li ppremettiet li hija u l-konvenut qegħdin joqgħodu fl-istess dar flimkien mat-tlett uliedhom u billi mhux aktar possibbli li hija u uliedha joqgħodu fl-istess dar minħabba l-ġlied kontinwu

pprovokat minn żewġha, talbet li fil-mori tal-kawża ta' separazzjoni personali fuq imsemmija, r-rikorrenti tiġi awtorizzata li tabita, flimkien mat-tlett uliedha fid-dar matrimonjali u li l-konvenut żewġha joħroġ mid-dar matrimonjali;

Rat ir-risposta tal-konvenut li biha oppona din it-talba għaliex, *inter alia*, id-dar hija parafernali tiegħu u *l*-kwistjoni diġa` ġiet eżaminata u miċħuda mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili. Il-konvenut issottometa li huwa bniedem marid serjament u m'għandux post ieħor fejn imur u li jekk jinteħħa mid-dar ħadd ma jista' jżommu;

Rat illi l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, wara li semgħet lill-kontendenti u lit-tlett uliedhom bil-ġurament, tat id-digriet segwenti fl-udjenza tas-17 ta' Novembru, 1994:

"Il-Qorti:

Rat l-artikolu 46 tal-Kodiċi Ċivili, in vista ta' *l*-informazzjoni li ħadet kemm mill-partijiet bil-ġurament, kif ukoll mix-xhieda, filwaqt li tiċħad it-talba kif proposta, tordna li l-intimat ma jużax, għall-ebda raġuni, is-sular ta' fuq tad-dar matrimonjali iżda biss is-sular ta' isfel, u tordna ukoll li l-kamra tas-sodda tiegħu għandha tiġi trasferita għal dik il-kamra li oriġinarjament kienet addebitata bħala *television room* u li bħalissa fiha qed jorqod l-għarus tat-tifla tal-partijiet Moira Scicluna, b'intendiment ċar li l-intimat għandu jittrasferixxi l-kamra tas-sodda għal din it-*television room* biss wara li l-imsemmi għarus ikun ħareġ minnha. Il-Qorti tagħmilha ċara ukoll li b'kamra tas-sodda il-Qorti mhux qed tifhem li l-intimat għandu jġorr l-għamara minn fuq għal *isfel*, iżda *li* għandu juża t-*television room* bis-sodda li bħalissa hemm fiha sabiex jorqod fiha, jiġifieri bħala l-kamra tas-sodda tiegħu";

Rat illi l-konvenut interpona appell minn dan id-digriet u għarraġunijiet minnu esposti, talab li din il-Qorti jogħġobha tirriformah billi tikkonfermalu fejn it-talba kif proposta ġiet miċħuda u minflok tagħti dawk il-provvedimenti aktar ekwi u ġusti li jagħmlu għall-każ;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-artikolu 46 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li fiż-żmien li tkun miexja l-kawża tal-firda, kull waħda mill-partijiet tista' titlob lill-Qorti biex tiddeċidi liema waħda mill-partijiet għandha toqgħod fid-dar taż-żwieġ sakemm tkun miexja dik il-kawża;

Illi dina d-disposizzjoni tagħti s-setgħa lill-Qorti li tordna li parti waħda fil-kawża tallontana ruħha mid-dar konjugali u li l-parti l-oħra tibqa' tabita fl-istess dar fil-pendenza tal-kawża ta' separazzjoni personali;

Illi l-liġi ma tistabbilixxix fuq liema kriterji l-Qorti għandha timxi fl-eżerċizzju tas-setgħa fuq imemmija mogħtija lilha. Kollox huwa rimess għad-diskrezzjoni tal-Qorti, li tiddeċidi kull każ fuq il-meritu tiegħu;

Illi fil-każ odjern l-Ewwel Onorabbli Qorti ma laqgħetx it-talba ta' l-appellata li l-appellant jiġi ordnat jallontana ruħu mid-dar matrimonjali. Pero` il-Qorti pprovdiet li tallontana l-appellant mis-sular ta' fuq tad-dar matrimonjali u ppermettietlu li juża biss is-sular ta' isfel u li jagħmel il-kamra tas-sodda tiegħu fit-*television*

*room*;

Illi tqajjem dubju waqt it-trattazzjoni jekk il-Qorti setgħetx tagħti provvediment bħal dan, a bażi ta' l-imsemmi artikolu 46. Din il-Qorti wara li ħasbet ħafna fuq il-kwistjoni, kkonkludiet li la l-Qorti ingħatat is-setgħa *pendente lite* li tkeċċi **għal kollox** parti waħda mid-dar konjugali, ċertament il-Qorti għandha ukoll is-setgħa li tkeċċi lil xi waħda mill-kontendenti **minn parti biss** mid-dar konjugali. Kif intqal aktar qabel, il-kwistjoni ġiet rimessa għad-diskrezzjoni tal-Qorti, li għandha s-setgħa li tipprovdi b'ġustizzja skond ir-riżultanzi;

Illi mill-verbali tal-proċess jidher li l-Ewwel Onorabbli Qorti semgħet bil-ġurament il-partijiet u uliedhom in konnessjoni ma' dan l-inċident. Sfortunatament id-deposizzjonijiet tagħhom ma jidhirx li ġew irreġistrati u fil-proċess ma hemmx ir-relattivi traskrizzjonijiet. Din il-Qorti tikkonfessa li kienet ferm tippreferi li ssib dawn il-provi reġistrati, għaliex wara kollox id-digriet appellat ingħata a bażi tagħhom;

Pero`, din il-Qorti, wara li semgħet it-trattazzjoni orali u wara li fliet bir-reqqa ir-riżultanzi proċesswali, ma għandha l-ebda dubbju li l-Ewwel Onorabbli Qorti eżerċitata id-diskrezzjoni mogħtija lilha bl-artikolu 46 tal-Kodiċi Ċivili korrettement u ġustament. Infatti, skond id-digriet appellat, l-appellant jista' juża s-sular ta' isfel li jikkonsisti f'entrata, salott, kamra ta' l-ikel, *television room*, kċina, kontro entrata u *spare toilet* (ara l-affidavit ta' l-attriċi ppreżentat fis-7 ta' April, 1995 a fol. 43);

Il-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti ordnat lill-appellant li juża t-*television room* bħala kamra tas-sodda tiegħu jista' forsi joħloq xi

inkonvenjenzi lill-appellant. Pero`, din l-ordni, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, hija waħda ġusta u timmerita konferma mhux biss għaliex ma intweriet l-ebda raġuni gravi biex din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni adoperata mill-Ewwel Qorti, iżda ukoll għaliex b'dik l-ordni jistgħu jiġu evitati inkonvenjenzi ferm akbar lill-partijiet. Infatti, ma tidhirx ħaġa f'lokha, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, li l-appellant ikompli jorqod fl-istess kamra ma' l-appellata li f'din il-kawża diġa` ressqet akkużi serji kontrih;

Għal dawn il-motivi:

Tiċħad l-appell, u tikkonferma d-digriet appellat - bl-ispejjeż kontra l-appellant.